# Is-Sette Giugno u Birkirkara

## F'għeluq il-mitt sena minn dik il-ġrajja, jew aħjar ġrajjiet, li kienu qanqlu lill-Maltin u taw rotta ġdida lill-ġrajja Maltija.

**Philip Xuereb**

Fiż-żmien ta' wara tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija u ftit qabel ma kien sar l-iffirmar definittiv tal-paċi bejn il-belliġerenti, f'Malta kienu seħħew dawk li baqgħu magħrufin bħala l-*Irvellijiet* tas-*Sette Giugno*. Mhux l-għan li ngħidu l-kif u l-għaliex ta' dawn hawnhekk. Imma ta' min isemmi kif il-mewġ ta' dan it-tqanqil, mill-Belt Valletta wasal sa Birkirkara u aktar preċiżament ukoll sal-Oratorju.

Dik il-ħabta, f'żewġt idjar fi Triq San Ġiljan qrib l-Oratorju, li kien għadu kif inbena fl-1910, waħda prattikament ġdida kantuniera ma' Sqaq l-Għoġla u oħra ftit eqdem naqra 'l fuq, kien hemm is-Sorijiet Missjunarji ta' Marija, qabel ma' dawn stabbilew ruħhom f'Ħal Balzan. Hawnhekk huma kellhom skola għall-bniet, speċjalment ta' snajja' *femminili* bħal rakkmu, bizzilla u ħjata u ħiliet domestiċi oħra. Is-sorijiet kienu jagħtu s-sehem tagħhom ukoll f'ċerti ħidmiet li kien ikun hemm bżonn fl-Oratorju.



Dettal mill-akkwarell tal-pittur Ġanni Vella ta' dak li ġara fiċ-ċirklu tal-*Giovine* Malta. Ta' min jgħid ukoll li dan il-pittur dik il-ħabta kien joqgħod f'Birkirkara fi Triq Fleur-de-Lys.

Dakinhar tas-7 ta' Ġunju 1919 li kien is-Sibt, xi sorijiet kienu daħlu s-suq tal-Belt. Iżda ma damux ma reġgħu lura lejn Birkirkara billi l-Belt kienu sabu l-inkwiet. L-għada l-Ħadd fil-kronaka tagħhom is-sorijiet ħallew miktub li waqt l-irvellijiet, Dun Mikiel Sammut, promutur tal-Oratorju u dik il-ħabta wkoll Direttur tiegħu, kien il-Belt u ta l-assoluzzjoni lil żagħżugħ li kien intlaqat mit-tiri li kienu sparaw is-suldati Ingliżi, u jidher li Dun Mikiel kien fil-qrib ta' fejn kien ġara dan il-fatt.

B'dan naturalment is-soru li kitbet il-kronaka kienet qed tirreferi għall-jum ta' qabel, is-7 ta' Ġunju stess. Għax f'jum il-Ħadd kien inqatel biss Ċertu Carmelo Abela, fil-bieb tad-dar ta' Francia, quddiem it-Teatru Rjal kif kont tidħol Putirjal. Dan kien mar hemm biex isejjaħ lil ibnu u allura ma nistgħux ngħadduh bħala żagħżugħ. It-Tnejn, 9 ta' Ġunju, minflok ir-rikreazzjoni, is-sorijiet għamlu adorazzjoni b'talb għall-paċi. Il-kronaka tkompli tirreferi li dakinhar ukoll, il-Belt kollox kien magħluq u li kienu qed jitqiegħdu offerti ta' flus inkella deheb li n-nies kienet tneħħi minn fuqha dak il-ħin stess u tqiegħed f'riġlejn salib li kienu għamlu fi Pjazza San Ġwann, biex imbagħad dak li jinġabar jingħata bħala għajnuna lill-familjari tal-vittmi.

Tirrapporta wkoll li lil dawk it-tfal li kienu jmorru jitgħallmu għandhom, kienu bagħtuhom id-dar fil-ħdax u nofs għax kienet ġriet ix-xniegħa li l-folla tal-irvellati (insurgents fl-oriġinal) kienu se jiġu Birkirkara biex jivvendikaw ruħhom minn xi nies li kienu għamlu qliegħ esaġerat minn fuq oġġetti essenzjali matul il-gwerra. Imma l-kronista ħalliet ukoll miktub li minn dan kollu ma kien ġara xejn u dak il-jum għadda bil-kwiet. Jissemma wkoll li l-Isqof Awżiljarju Angelo Portelli O.P. kien kellem lin-nies u ikkalmahom xi ftit. Imma l-fatt li l-palazz tal-Arċisqof, dak iż-żmien Mawru Caruana, kien mgħasses mill-marines armati kien qed ikompli jżid l-animożità. Fil-ħamsa ta' filgħaxija, il-qniepen tal-knejjes ta' Malta kollha kienu qed idoqqu għal dawk li kienu mietu u l-kittieba tal-kronaka żżid il-kumment: It is impressive. F'dan il-jum fil-fatt, kien sar il-funeral tal-vittmi.

Fil-kronaka tas-sorijiet ikompli jingħad li mal-ħitan tal-Belt u ta' Tas-Sliema kienu twaħħlu karti bil-kliem: *Lutto nazionale per i martiri del popolo*. Jingħad ukoll li sal-jum tat-Tlieta, l-ordni kien qed jinżamm bil-preżenza tal-marines ma' kullimkien. Is-soru li kitbet qalet ukoll li meta nhar il-Ħamis 12 ta' Ġunju daħlet il-Belt, sabet li kienet kważi baħħ!

---

**Bibljografija**

Tal-awtur preżenti: *L-Oratorju u Lil hinn Minnu*, pubblikazzjoni MSSP (2010).
Attard Christian: *Between Myth and Reality*, Sunday Times of Malta, June 5, 2011.